MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2015

Avviz Numru. 338/2013

**Joseph Bajada**

**(ID 36863G)**

**vs**

**Joseph Caruana bhala l-editur tal-gurnal l-Orizzont**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fil 25 ta’ Ottubru 2013 fejn ir-rikorrent ghamel referenza ghall ittra ippubblikata fil-harga ta’ l-Orizzont tat 3 ta’ Settembru 2013 intitolata “Morna l-Bahar” u iffirmata minn persuna li sejhet lilha nnifisha “Ghal Ghawdex Ahjar, Rabat, Ghawdex”, u sahaq illi tali ittra kienet malafamanti u ingurjuza fil-konfront tieghu peress illi taghmel bosta allegazzjonijiet malafamanti u inveritjeri fil-konfront tar-rikorrent, u ghalhekk

talab lill-Qorti sabiex tiddikjara tali ittra bhala malafamanti filwaqt illi tikkundanna lill-intimat ihallsu danni a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Kap 248.

Rat ir-risposta ta' l-intimat ippresentat fit 12 ta' Novembru 2013 fejn eccepixxa, preliminarjament kif jidentifika ruhu mal-kontenut ta' l-ittra li huwa qed joggezzjona dwarha filwaqt illi sahaq, fuq il-meritu, illi l-intimat ta' spazju ghal veduti ta' kittieb bla ma ghamilhom tieghu u insista li dak hemm miktub ma kien xejn aktar minn 'value judgment'.

Rat l-affidavit ta' Joseph Bajada ippresentat fis 7 ta' Frar 2014.

Ra l-artikolu meritu tal-kawza odjerna ippresentat fil 21 ta' Marzu 2014, liema artikolu, ossija ittra , hija intitolata '**Morna l-bahar**' u jghid is-segwenti:

> *Sur Editur,*
>
> *Naqbel mal-Ministru għal Għawdex li qed jibdel ir-rotta ta' kif kien qed jitmexxa ċ-ċivil f'Għawdex.*
> *Bħala ċittadin nixtieq nagħmel ċerti mistoqsijiet:*
> *1. Għaliex it-taqsima tal-bajjiet f'Għawdex ġiet ikkritikata fl-aħbarijiet għal xogħol ħażin li sar r-Ramla, Marsalforn, il-Blue Lagoon, San Blas, eċċ.?*
> *2. Din il-persuna li tpoġġiet biex tmexxi dan id-dipartiment hija l-istess persuna li ssemmiet minn iNewsMalta.com, li aktar moħħha fis-supermarkits u fl-aġenzija tagħha milli mix-xogħol taċ-ċivil?*
> *3. Din hi l-istess persuna li fil-passat ġiet investigata mid-Dipartiment tad-Drenaġġ (fejn kien immexxi bi frodi)?*
> *4. Għaliex ġew imwarrbin nies li ħadmu tajjeb ħafna f'din it-taqsima f'dawn l-aħħar snin?*
> *5. Veru li ħaddiema ta' din it-taqsima, fit-8.00 a.m. jkunu d-dar bil-barka ta' kulħadd?*
> *Ministru, nafek aktar sod u ta' dixxiplina. Nispera li ssir xi ħaġa biex il-Ministeru tiegħek jissemma b'mod pożittiv fl-aħbarijiet.*
> *GĦAL GĦAWDEX AĦJAR,*
> *Rabat, Għawdex*

Semghet ix-xhieda ta' **Joseph Bajada** moghtija fis 6 ta' Ottubru 2014.

Rat illi fis-seduta tas 6 ta' Ottubru 2014 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Rat illi fis-seduta tad 29 ta' Jannar 2015, l-intimat iddikjara illi ma kellu ebda provi x'jippresenta.

Semghet it-trattazzjoni ta’ l-abbli difensuri tal-partijiet moghtija fit 23 ta’ April 2015, wara liema data il-kawza giet differita ghallum.

**Ikkunsidrat**

Il-kawza odjerna tirrigwarda ittra illi giet ippubblikata fuq il-gazzetta l-Orizzont fit 3 ta’ Settembru 2014 intitolata “Morna l-bahar” u miktuba minn persuna illi indika lilu nniffsu bhala ‘Ghal Ghawdex Ahjar’.

Jirrizulta illi f’dina l-ittra isiru diversi lanjanzi dwar xoghol relatat mat-“taqsima tal-bajjiet t’Ghawdex”.

Jirrizulta illi r-rikorrenti jikkontendi illi l-ittra fuq imsemmija kienet indirizzata lejh u sahaq illi kullhadd gewwa Ghawdex kien jaf illi kienet indirizzata lejh.

Jirrizulta illi l-unika prova illi ressaq ir-rikorrent in sostenn tat-talba tieghu, kienet ix-xhieda tieghu stess, fejn huwa stqarr illi huwa jahdem bhala Senior Engineer mal-Gvern u dana mat-Taqsima Indafa Pubblika (Cleansing Services) fil-Ministeru ta’ Ghawdex, u dan mis-sena 2006.

Jirrizulta, skond ir-rikorrenti, illi l-ittra kienet indirizzata lejh peress illi hu ilu hmistax-il sena imexxi d-Dipartiment tad-Drenagg f’Ghawdex u ghandu propjeta illi jikri lill Lighthouse Supermarket, gewwa Ghawdex. Ghalhekk, ir-rikorrent jishaq, l-ittra kienet indirizzata lejh.

**Ikkunsidrat**

Kif inqtal mill-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza **Farrugia vs Fava** deciza fil 15 ta’ Jannar 1997,

> *“Dwar l-identifikazzjoni tal-persuna ... hu materjali t-test ta’ l-artikolu u jekk il-qarrej ordinarju anke jekk ben informat meta jaqra l-artikolu jasalx biex jidentifika l-persuna ta’ l-attur. Dana b’mod naturali u minghajr processi kumplikati ta’ eliminazzjoni jew analizi xort’ohra. Dan ukoll b’certu grad ta’ certezza”.*

Gie stabbilit ukoll fil-kawza deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fit-13 ta’ Jannar 2000 fl-ismijiet **L-Onor. John Rizzo Naudi vs Felix Aġius** et illi:

> *Biex azzjoni ta’ libell bl-istampa tirnexxi, l- kitba li tkun trid tabilfors tkun marbuta ma’ l-persuna tal- parti attriċi, imqar jekk tkun indiretta jew “velata taħt xi figura jew oħra ta’ espressjoni”, u dan lil hinn minn jekk il-kittieb tal-istampat kellux f’moħħu lil dik il-persuna meta kiteb dak li kiteb.*

Madankollu, ghandu jigi osserva illi il-Qorti ta’ l-Appell Civili fil-kawza **Borg vs Camilleri** deciza fil 15 ta’ Novembru 1994, stqarret illi

> *“l-fatt li persuna ma tissemmiex b’isimha f’artiklu ma jfissirx li hija mċaħħda milli tmexxi ’l quddiem azzjoni ta’ libell taħt l-Att dwar l- Istampa, jekk kemm-il*

> *darba mill-kontenut tal-istess artiklu joħroġ ċar min kienet il-persuna li dwarha nkiteb dak li nkiteb.”*

Kif qalet dina l-Qorti sedenti fil-kawza **Frank Psaila vs Frans Ghirxi** deciza fil 5 ta’ Mejju 2014

> *“Il-Qorti tosserva li, kif jikkontendi wkoll il-Gately On Libel & Slander, l-identita’ tal-parti malafamata tista’ tinġieb minn artikli oħra jew materjal ieħor li jkun inkiteb u li jitfa’ dawl fuq l-identita’ mistura tal-persuna fl-artiklu inkriminat, imqar jekk il-materjal l-ieħor ikun jikkonsisti f’kitba oħra sussegwenti tal-parti mħarrka.”*

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti ma tistax, f’dana l-istadju, ma tosservax b’certa dizappunt illi fil-kawza odjerna, l-unika prova illi ressaq r-rikorrent kien huwa stess, u dana permezz ta’ l-affidavit tieghu, li imbghad gie kkonfermat u mizjud mieghu f’xhieda sussegwenti.

Ma tressqet ebda prova ta’ persuna ohra, ghajr ghar-rikorrent, illi seta jasal ghall-konkluzjoni illi l-ittra kienet attwalment indirizzata lir-rikorrent, u ix-xhieda tar-rikorrent certament ma tistax titqies bhala sufficjenti f’proceduri ta’ libell.

Il-Qorti, apparti hekk, ma tistax ma tosservax illi l-artikolu jaghmel referenza ghal “taqsima tal-bajjiet f’Ghawdex” u, mix-xhieda tar-rikorrenti, imkien ma qatt ma xi tip ta’ indikazzjoni illi b’xi mod kien konness ma’ tali taqsima.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-provi prodotti quddiemha huma superficjali wisq u certament bl-ebda mod ma jistghu jwasslu ghall konvinciment morali illi l-ittra illi dwarha jilmenta r-rikorrent, kienet attwalment indirizzata lejn ir-rikorrent. Ghalhekk, ladarba l-element ta’ l-identifikazzjoni, illi huwa element kardinali fil-proceduri ta’ libell, ma giex ippruvat, l-azzjoni odjerna ma gietx ippruvata.

Finalment, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi ma huwiex korrett illi proceduri ta’ libell, li huma proceduri odjuzi minnhom innifishom u intizi unikament sabiex jillimitaw, minnhom innifishom, il-liberta’ ta’ l-espressjoni u dana sabiex jipprotegu r-reputazzjoni ta’ persuna ghandhom jigu trattati b’mod legger u minghajr preparazzjoni, u il-Qorti tippretendi li meta persuna ihossu libellat, huwa ghandu jaghmlu l-ghalmu tieghu sabiex jipprova l-kaz tieghu ‘l hinn minn kull dubju, u mhux jibbazah unikament fuq ix-xhieda tieghu biss.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi prodotti quddiemha

Wara illi semghet ix-xhieda u it-trattazzjoni tal-partijeit

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-vertenza billi

**Tilqa'** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat u

**Tichad** it-talbiet attrici kollha

Spejjez tal-proceduri odjerni ghandhom ikunu kollha a kariku tar-rikorrent.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------